

Brussell, 23 ta' Ottubru 2025
(OR. en)

14424/25

DENLEG 56
FOOD 94
SAN 666

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	22 ta' Ottubru 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	D(2025) 109614
Suġġett:	REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) ../... ta'XXX li jemenda l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1334/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-inklużjoni tal-ester etiliku tal-aċidu 3-[3-(2-isopropil-5-metil-ċikloeżil)-ureido]-butiriku fil-lista tal-Unjoni ta' aromatizzanti u li jikkoreġi ċerti numri CAS

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument D(2025) 109614.

Mehmuż: D(2025) 109614



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, **XXX**
PLAN/2025/951
(POOL/E2/2025/951/951 EN.docx)
D109614/02
[...](2025) **XXX** draft

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' **XXX**

li jemenda l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1334/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-inklużjoni tal-ester etiliku tal-aċidu 3-[3-(2-isopropil-5-metil-ċikloeżil)-ureido]-butiriku fil-lista tal-Unjoni ta' aromatizzanti u li jikkoreġi ċerti numri CAS

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'XXX

li jemenda l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1334/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-inklużjoni tal-ester etiliku tal-aċidu 3-[3-(2-isopropil-5-metil-ċikloeżil)-ureido]-butiriku fil-lista tal-Unjoni ta' aromatizzanti u li jikkoreġi ċerti numri CAS

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1334/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar aromatizzanti u ċerti ingredjenti tal-ikel bi proprjetajiet aromatizzanti għall-użu fl-ikel u fuq l-ikel u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1601/91, ir-Regolamenti (KE) Nru 2232/96 u (KE) Nru 110/2008 u d-Direttiva 2000/13/KE¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 11(3) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1331/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 li jistabbilixxi proċedura ta' awtorizzazzjoni komuni għall-addittivi tal-ikel, l-enzimi tal-ikel, u l-aromatizzanti tal-ikel², u b'mod partikolari l-Artikolu 7(5) tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1334/2008 jistabbilixxi lista tal-Unjoni ta' aromatizzanti u ta' materjali tas-sors approvati għall-użu fl-ikel u fuq l-ikel, u l-kundizzjonijiet tal-użu tagħhom.
- (2) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 872/2012³ adotta l-lista tal-Unjoni ta' sustanzi aromatizzanti u introduċa dik il-lista fil-Parti A tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1334/2008.
- (3) Dik il-lista tista' tiġi aġġornata f'konformità mal-proċedura komuni msemmija fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 1331/2008, fuq inizjattiva tal-Kummissjoni jew wara li Stat Membru jew parti interessata tressaq applikazzjoni għal dan.
- (4) Fis-16 ta' Marzu 2020, tressqet applikazzjoni lill-Kummissjoni għall-awtorizzazzjoni tal-ester etiliku tal-aċidu 3-[3-(2-isopropil-5-metil-ċikloeżil)-ureido]-butiriku (Nru FL16.136), bħala sustanza aromatizzanti għall-użu f'diversi tipi tal-ikel li jidħlu

¹ ĠU L 354, 31.12.2008, p. 34, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2008/1334/oj>.

² ĠU L 354, 31.12.2008, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2008/1331/oj>.

³ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 872/2012 tal-1 ta' Ottubru 2012 li jadotta l-lista ta' sustanzi aromatizzanti stipulati bir-Regolament (KE) Nru 2232/96 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, jintroduċiha fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1334/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1565/2000 u d-Deċizzjoni tal-Kummissjoni 1999/217/KE (ĠU L 267, 2.10.2012, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2012/872/oj).

f'għadd ta' kategoriji tal-ikel imsemmija fil-lista tal-Unjoni tal-aromatizzanti u tal-materjali sors. L-applikazzjoni ġiet innotifikata lill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ("l-Awtorità") biex tagħti l-opinjoni tagħha. Il-Kummissjoni qiegħdet ukoll l-applikazzjoni għad-dispożizzjoni tal-Istati Membri, skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1331/2008.

- (5) Fl-opinjoni tagħha adottata fis-16 ta' Diċembru 2024⁴, l-Awtorità evalwat is-sikurezza tal-ester etiliku tal-aċidu 3-[3-(2-isopropil-5-metil-ċikloeżil)-ureido]-butiriku (Nru FL 16.136) meta jintuża bħala sustanza aromatizzanti u kkonkludiet li dan l-użu fil-kundizzjonijiet u l-livelli ta' użu proposti ma jqajjimx tħassib dwar is-sikurezza.
- (6) Fid-dawl tal-opinjoni tal-Awtorità, billi l-użu tal-ester etiliku tal-aċidu 3-[3-(2-isopropil-5-metil-ċikloeżil)-ureido]-butiriku (Nru FL 16.136) bħala sustanza aromatizzanti ma jagħtix lok għal tħassib dwar is-sikurezza fil-kundizzjonijiet tal-użu speċifikati, u mhuwiex mistenni li l-konsumatur jitqarraq, jixraq li dan l-użu jiġi awtorizzat.
- (7) Barra minn hekk, in-numri tar-reġistru tas-Servizz tat-Taqsiriet tas-Sustanzi Kimiċi (Nri CAS) elenkati fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1334/2008 għas-sustanzi aromatizzanti Nri FL 08.017, 08.127, 16.041 u 16.132 mhumieks korretti u jenħtieġ li jiġu kkoreġuti.
- (8) L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1334/2008 għalhekk jenħtieġ li jiġi emendat u kkoreġut kif xieraq biex jinkludi l-ester etiliku tal-aċidu 3-[3-(2-isopropil-5-metil-ċikloeżil)-ureido]-butiriku (Nru FL 16.136) fil-lista tal-Unjoni tal-aromatizzanti u biex jikkoreġi n-Nri CAS għas-sustanzi aromatizzanti Nri FL 08.017, 08.127, 16.041 u 16.132.
- (9) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Animali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1334/2008 huwa emendat f'konformità mal-Anness I ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1334/2008 huwa kkoreġut f'konformità mal-Anness II ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

⁴ EFSA Journal. 2025;23:e9201, <https://doi.org/10.2903/j.efsa.2025.9201>.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN